MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 55/2006/1

**John A. Mizzi**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

## I. IS-SENTENZA APPELLATA

1. Dan huwa appell maghmul minn John A. Mizzi ("l-appellant") minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-18 ta' Novembru 2008. Quddiem dik il-Qorti, l-appellant talab li jinghata

dikjarazzjoni illi d-drittijiet fondamentali tieghu ai termini tal-Artikoli 6 u 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) gew lezi bil-procediment gudizzjarju dwar libell civili fl-ismijiet **Il-Perit Joseph Boffa v. John A. Mizzi** (Citazzjoni Numru 285/1994,) maghluq b'sentenza finali tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Gunju 2005 u konsegwentement talab li jigi ordnat li jinghata hlas ta' kumpens xieraq lilu minhabba tali vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu.

2. Ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell is-sentenza appellata ser tigi riprodotta hawn testwalment:
"Il-Qorti,

"**A. RIKORS:**

"Rat ir-rikors ta' John A. Mizzi li bih ippremetta:

"Illi r-rikorrent huwa gurnalista anzjan li sa ftit snin ilu kien korrispondent tal-gazzetta Ingliza '*The Daily Telegraph*'.

"Illi r-rikorrent baghat ittra lill-editur tal-gazzetta Maltija '***The Sunday Times***' taht it-titolu '***A Yacht Marina for Xemxija?***' li giet ippubblikata fil-harga tal-20 ta' Frar 1994.

"Illi ftit zmien wara, gietipprezenata kawza talibell civili (Citazzjoni Numru 285/1994) mill-Perit Joseph Boffa, iben u wiehed mill-eredi ta' Sir Paul Boffa, kontra r-rikorrent John A. Mizzi fejn gie allegat illi r-rikorrent immalafama lill-mejjet Sir Paul Boffa meta asserixxa '***Dr. Boffa wanted to build there***' (i.e fuq in-naha tat-tramunatana tal-bajja tax-Xemxija.)

"Illi r-rikorrent, li kien habib intimu ta' Sir Paul Boffa, issolleva l-eccezzjoni preliminarjament illi l-azzjoni ma kenitx proponibbli minhabba li persuna mejta ma tistax taghmel kawza talibell. Izda kemm il-Prim'Awla kif ukoll il-Qorti tal-Appell cahdu din l-eccezzjoni preliminari.

"Illi fil-mertu r-rikorrent eccepixxa li huwa bl-ebda mod ma immalafama lil Sir Paul Boffa u li ***animus injuriandi*** kien

inezistenti. Izda kemm il-Prim'Awla kif ukoll il-Qorti tal-Appell cahdu l-eccezzjonijiet tieghu fil-meritu.

"Illi konsegwentement b'sentenza finali moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell fil-21 ta' Gunju 2005, ir-rikorrent gie ikkundannat ihallas lill-Perit Joseph Boffa s-somma ta' tliet mitt Lira Maltin (Lm300) bhala danni ghall-ingurja morali minhabba li b'kitbietu ingurja l-memorja tal-mejjet Sir Paul Boffa.

"Illi l-imsemmija sentenza tikkostitwixxi interferenza sproporzjonata fid-dritt tieghu ghal-liberta` tal-espressjoni u wahda li ma kenitx mehtiega f'socjeta` demokratika. L-implikazzjoni legali ta' din is-sentenza fuq ir-rikorrent bhala gurnalista hija wahda tabilhaqq repressiva.

"Illi konsegwentement ir-rikorrent sofra vjolazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiggarantixxi d-dritt tal-liberta` ta' espressjoni.

"Illi, barra minn hekk, il-fatt illi giet ammessa din l-azzjoni meta din ma kenitx proponibbli minhabba li persuna mejta ma tistax taghmel kawza talibell civili, ma tistax tixhed u lanqas ma tista' tigi kontra-ezaminata mir-rikorrent, jikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni tal-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319). Meta l-Onor. Qorti tal-Appell irriteniet illi l-attur kellu d-dritt jipprocedi b'din il-kawza bhala azzjoni civili ghar-risarciment tad-danni naxxenti minn reat, hija iddikjarat ammissibbli azzjoni li mhix proponibbli la f'Malta u lanqas barra minn Malta ghaliex tilledi d-dritt ghal process gust, stante li l-persuna protagonista tal-istorja pubblikata la tkun tista' tixhed u anqas tigi kontro-ezaminata.

"Ir-rikorrent talab lill-Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti d-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq u tizgura t-twettiq tal-Artikoli 10 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem:

"1. Tiddikjara li l-imsemmija drittijiet fondamentali tar-rikorrent gew lezi bl-imsemmi procediment gudizzjarju dwar libell civili li bih huwa gie ikkundannat ghall-hlas ta'

tliet mitt Lira Maltin (Lm300) bhala danni ghall-ingurja morali minhabba li gie ritenut illi b'kitbietu ingurja l-memorja tal-mejjet Sir Paul Boffa.

"2. Tiddikjara li d-dritt tar-rikorrenti ghal smigh gust gie lez meta l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili gie abbinat u applikat flimkien mal-*proviso* tal-artikolu 255 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk tiddikjara li l-imsemmi *proviso* jilledi d-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq.

"3. Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrent minhabba l-vjolazzjoni tal-imsemmija drittijiet fondamentali tieghu.

"**B. RISPOSTA:**

"Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tar-Repubbllika li biha eccepixxa:

"1. Illi r-rikorrent qieghed fl-ewwel lok jallega li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Gunju 2005 illedietlu d-dritt tieghu tal-liberta` ta' espressjoni billi kienet tikkostitwixxi interferenza sproporzjonata f'tali dritt u inoltre interferenza li ma kenitx mehtiega f'socjeta` demokratika.

"L-intimat dehrlu li sabiex wiehed jista' jikkonkludi jekk l-interferenza kenitx sproporzjonata wiehed irid l-ewwel jara jekk din kenitx tikkonforma mar-rekwiziti tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea sabiex isehh ksur tad-dritt fundamentali involut. Il-kliem tal-Artikolu 10 jindika l-htiega li l-ezercitar tad-dritt taliberta` ta' espressjoni jkun "***subject to such formalities, conditions, restrictions or penalities as are prescribed by law and are necessary in a democratic society*** … (and) ***for the protection of the reputation or rights of others***…" fost limitazzjonijiet ohrajn.

"Illi fil-kaz in ezami jidher li l-Qrati precedenti kienu qeghdin jagixxu fl-ambitu tal-Ligi meta taw is-sentenza rispettiva taghhom, infatti hawnhekk m'huwa qed jigu attakkati la l-Ligijiet li permezz taghhom il-Qrati in kwistjoni hadu konjizzjoni tal-kaz u taw is-sentenzi avversi ghall-

aspirazzjonijiet tar-rikorrent u lanqas il-Ligi dwar l-Istampa li tirregola kazijiet bhal dawn.  Inoltre, il-Qrati bla dubju hassew li d-decizjoni li waslu ghaliha kienet mehtiega sabiex tigi protetta r-reputazzjoni u/jew id-drittijiet ta' Sir Paul Boffa.  Fil-fatt, l-ewwel Qorti hasset il-htiega li tafferma li:

""Jekk huwa minnu li wiehed (ghandu) ikun infurmat bil-fatti fl-interess generali daqstant iehor huwa minnu wkoll li l-unur u r-reputazzjoni tal-persuna ma jkunux affangati b'allegazzjonijiet li ma jikkonformawx, u ma jikkorrispondux, mal-verita`."

"Minn hawn jidher car li l-Qorti ikkunsidrat il-bilanc tas-sitwazzjoni u ikkonkludiet li dak li kien qed jigi allegat mir-rikorrent odjern ma kienx jikkonforma jew jikkorrispondi mal-verita`, u ghaldaqstant ma kienx gustifikabbli taht is-semplici appell ghad-dritt tal-liberta` ta' espressjoni.

"2a.  Illi r-rikorrent qed jallega wkoll ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fis-sens li, ghalkemm huwa ma jpoggix kliemu hekk, huwa donnu jrid jimplika li spicca qed jikkumbatti kontra fatat li ma jistax itellghu jixhed u jaghmillu kontro-ezami.  Huwa jinsisti li l-azzjoni mill-eredi ta' Sir Paul Boffa kienet improponibbli, billi din setghet biss titressaq minn Boffa innifsu.  Biss meta qed jghid dan huwa qed jinjora d-dicitura cara tas-subartikoli 3(1) u 3(3) u l-artikolu 255 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili.

"Inoltre, indikazzjoni ohra tal-flessibilita` tal-Ligi fejn jidhol ir-reat tal-ingurija tant li m'huwiex rikjest li persuna li tesperixxi azzjoni ghal danni in segwitu ta' reat kriminali trid tkun il-persuna li garrbet hi nfisha xi dannu konkret u materjali a kawza ta' tali reat tirrizulta mill-kawza 'Lawrence Cachia Zammit et vs Carmelo Chetcuti A. & C.E.', 8 ta' Novembru 1957, kif ikkwotata mill-ewwel Qorti, fejn il-Qorti qalet illi:
'L-interess biex wiehed jagixxi jista' jkun pekunarju u anke morali, purche` guridiku, jigifieri korrispondenti ghal-lezjoni ta' veru dritt, u ghalhekk ittra mibghuta lil persuna, li tilledi l-onorabillita` ta' persuna ohra, taghti lil dan tal-ahhar id-

dritt li titlob il-protezzjoni tal-Ligi biex tottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti tal-falsita` tal-kontenut ta' dik l-ittra, u dan avolja l-persuna offiza ma tkunx sofriet danni materjali.'

"B'hekk jidher li mhux mehtieg dannu dirett ghar-reputazzjoni ta' persuna izda anki l-allegata sofferenza ta' dannu morali hija sufficjenti bhala kawza ta' azzjoni.

"2b. Oltre ghas-suespost, mill-insenjament tal-istess Qorti Ewropeja mkien ma jirrizulta li l-lanjanza tar-rikorrent ghandha xi bazi konkreta. Infatti, din il-lanjanza dwar il-ksur tal-Artikolu 6 jidher li tista' tigi ristretta ghal dik il-parti tal-artikolu 6 li tistipula li "***everyone is entitled to a fair and public hearing***". Kif jghidu Lester and Pannick fi <u>Human Rights Law and Practice</u> (Butterworths 1999), "The right to a fair hearing requires that everyone who is a party to proceedings must have a reasonable opportunity of presenting his case to the court under conditions which do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent".

"Fil-kaz odjern, izda, ir-rikorrent kellu kull cans li jipprova l-kaz tieghu minghajr il-htiega tax-xhieda ta' Sir Paul Boffa. Il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti u quddiem il-Qorti tal-Appell kienet wahda oggettiva: <u>il-kliem li kiteb ir-rikorrent odjern kien jew ma kienx jimplika li Sir Paul ried jibni bini ghalih personali, u jekk iva dan kien jew ma kienx minnu?</u> Anki l-Perit Joseph Boffa – l-eredi ta' Sir Paul u attur fil-proceduri precedenti – kellu l-istess diffikulta` waqt l-istess proceduri, fis-sens li hu ma setax itella' lil missieru sabiex jixhed dwar il-veracita` o meno tal-allegazzjoni. B'danakollu rnexxielu jikkonvinci l-Qorti li missieru ma kellu ebda intenzjoni li jagixxi kif gie allegat. Bhalma sehhlu jaghmel il-Perit Boffa seta' sehhlu jaghmel ukoll ir-rikorrent.

"Apparti minn dan, id-dritt ghal smigh xieraq ma jirrizultax li qatt gie estiz mill-Qorti Ewropea sabiex ikopri kazijiet fejn wiehed jallega c-cahda ta' tali dritt ghax ma thalliex jaghmel 'kontro-ezami' lil persuna li lanqas biss xehdet u li l-interessi taghha qeghdin jigu promossi skond il-Ligi mill-

eredi li huma accessibbli ghal kwalunkwe kontro-ezami li tinhtieg taghmel il-parti l-ohra.

“Fl-ahhar nett, b’referenza ghall-osservazzjoni tar-rikorrent illi huwa wara kollox kien habib intimu ta’ Sir Paul Boffa, l-intimat ma jistax ma jikkwotax dak li osservat il-Qorti tal-Appell dwar dan il-punt:
“Sinjifikanti wkoll huwa l-fatt li l-konvenut qatt ma ippublika fl-istess gazzetta xi forma ta’ korrezzjoni ghall-‘malintiz’ (skond hu) ta’ kliemu, u dan anke wara li sar jaf li iben Sir Paul Boffa – li appellant suppost tant kellu rispett lejh – kien hassu ingurjat b’dak li kien gie stampat”.

“Ghaldaqstant l-intimat talab li din il-Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrent Mizzi.

“Rat l-atti kollha tal-kawza.

“Semghet lix-xhieda bil-gurament.

“Semghet l-abili difensuri.

“Ikkunsidrat

“**C. PROVI:**

“Gie prezentat l-affidavit ta’ <u>John A. Mizzi</u> fejn issemma li hu kien konvenut fil-kawza fl-ismijiet Perit Joseph Boffa vs John A. Mizzi, Cit. Nru. 285/94 li giet deciza finalment mill-Qorti tal-Appell. Ghamel referenza ghad-dokument li annetta mal-affidavit, cioe` kopja ta’ ittra lill-editur ta’ *The Times* li fiha spjega r-ragunijiet ghaliex ma jaqbilx mas-sentenza li nghatat fil-21 ta’ Gunju 2005. Iddikjara wkoll illi fil-kawza hu ressaq bhala xhud lill-Perit Vincent Cassar. Mix-xhieda tieghu jirrizulta li l-*area* tat-tramuntana tal-bajja kienet *building site*. Ikkonferma li mkien ma kiteb li Dr. Boffa ried jibni dar ghalih personali hemmhekk. Hu kiteb b’Ingliz car: “*Dr Boffa wanted to build there*”. Ghamel referenza ghad-dokumenti l-ohra li gew esebiti fl-atti tal-kawza civili li jirrigwardaw korrispondenza fil-*file* governattiv. Qal li hu kien ghamel verifiki ma’ dokumenti

tal-Gvern kif ukoll ricerki fl-Arkivju Nazzjonali gewwa r-Rabat, izda certi dokumenti x'aktarx baqghu Belt is-Sebh u setghu gew danneggjati bi *flooding* tal-ilma tax-xita billi kienu go xi mahzen.

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Illi hemm diversi punti li din il-Qorti trid tikkunsidra ghall-iskop tal-kawza odjerna u dawn huma:

"A) Li persuna mejta ma tistax taghmel kawza talibell;

"B) *Animus injurjandi* kien inezistenti;
"C) Li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tikkostitwixxi interferenza sporporzjonata ghal-liberta` ta' espressjoni u repressiva;

"D) Vjolazzjoni tal-Kap 319 artikolu 10;

"E) Vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Kap 319.

"Qabel xejn din il-Qorti trid taghmilha cara kif *del resto*, ghamlitha f'diversi kawzi ohra kemm kif presjeduta kif ukoll presjeduta minn Imhallfin ohra li din il-Qorti mhix xi Qorti tat-tielet grad biex terga' tezamina fatti gja ezaminati mill-Prim'Awla u l-Onor. Qorti tal-Appell, izda li ghandha parametri ben definiti ghal dak li ghandha l-obbligu li tevalwa u tiddeciedi fuqu. Wara li gie enuncjat dan il-proncipju l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-punti fuq imsemmija u tibda billi:

"***<u>D1. Li persuna mejta ma tistax taghmel kawza ta' libell:</u>***

"Kif inghad, dan l-aspett gja gie ezaminat mill-Qrati l-ohra u ma jirrikjedix strettament ebda approfondiment minn din il-Qorti kif presjeduta, izda l-Qorti thoss l-obbligu li ssemmi li dak li jghidulu *la querela dei morti* jew per *ingiurie a defunti* huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali u anke kontinentali. F'dan ir-rigward ara Frola ***Delle Ingiurie e Diffamazioni*** Pagna 262 et. Dan l-awtur kunsidrat bhala fulkru f'dan is-suggett jsemmi li din

necessarja minhabba li *vuole venerata la memoria degli estinti.* Dan il-kult tat-trapassati jezisti fil-popli kollha u kienet tapplika l-massima *mortuo nemini maledicendum* – fi kliem il-Frola *dannando al disonore e alla infamia colui che oltraggiava l defunti.* L-istess awtur isemmi lil Ulpjanu, lil Voet, Grattier u Chassan. Jikteb:
"E` naturale, infatti, che agli eredi del defunto, qui sustinent ejus personam, e, piu` ancora, ai suoi stretti congiunti, sia accordato il diritto di chiedere la giudiziale rparazione degli oltraggi fatti alla memoria dei loro autori o congiunti, tanto piu`, che, puo` credersi, come quelle offese non siano che il mezzo per riflettero riverberareindirtettamente le offese sugli eredi, o stretti congiunti del defunto."

"U il-Carrara jikteb:

""Coll'ingiuriare il defunto si offese il diritto di un vivente in ragione dell'affetto, o in ragione del discredito mediato: ed allora, puo` benissimo aversi l'ente giuridico del malefizio."

"Alla hares wiehed kellu jasal ghall-fatt li persuna tista' tghid dak li mhux fuq persuni ohra u tibqa' ghaddejja b'impunita` specjalment meta l-parti li fuqha jigu imputati certu affarijiet ikollhom 'l uliedhom ghadhom hajja. Hawnhekk il-ligi qed tirrikonoxxi d-dritt ta' azzjoni propju lid-dixxendent tal-persuna li fuqha jigu addebitati certu kliem.

"Finalment wiehed ghandu jezamina d-dicitura cara tas-subartikoli 3(1) u 3(3) u l-artikolu 255 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili.

"***<u>D2. Animus injurjandi:</u>***

"Fuq l-aspett tal-*animus injuriandi* gja ddeliberaw bizzejjed il-qrati l-ohra fis-sentenzi taghhom. Ghal kull buon fini din il-Qorti tirreferi ghal:
Frola:Pg 10, 262 etc
Cremona: Pg 197
Bartoli: 255: para 5-8, 20, 23

Pol vs Mizzi John – Mag. L. Agius – 21/2/1979
App. K. Antonia Bonnici VS Emmanuela Sarreo – 18/9/1820
Dwar il-presunzjoni tal-intenzjoni sakemm ma tingiebx l-prova kontrarja ara:
Bartoli 255 para 20:4; 32
Cremona Pg 197 para 3
Lucchini Vol XII Pg 366
Libell ma jiddependix mill-intenzjoni tal-kittieb izda mill-fatt tad-defamazzjoni:
XXXIII – IV-824 Pol vs Olivieri Monroe 07-03-1949
App K 08-01-1955 – XXXIX-IV-943: Strickland vs Mintoff
App Krim 27-11-1958; Desira Buttigieg vs Cossai XLII-IV-1526/9
May Filletti: ( Q Mag ) 22-07-1983: Fenech Adami vs Agius
App Civ 22-7-85 Onor Dr J Cassar vs Dr J Muscat
CFS: 07-11-1985: Dr L. Galea vs Felix Agius etc
CFS: Pol vs Anth Vella 16-02-1989
CFS: 09-04-1990 Pol vs F Agius et
CFS: 07-11-1990 Mifsud Bonnici vs Agius
Judge Harding Scerri vs Hedley IV-778

"***D3. Liberta` tal-espressjoni fl-istampa u li s-sentenza hija tabilhaqq repressiva fuq gurnalista:***

"Jinghad li l-liberta` tal-espressjoni hija dritt fundamentali tal-bniedem. Din hija garantita kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropeja u f'tant dokumenti ohrajn. Jinghad ukoll li gurnalista certament igawdi minn tali dritt ta' espressjoni, izda hawnhekk wiehed irid jiftakar dejjem fil-principju fundamentali li l-fatti huma sakri u l-espressjonijiet ta' evalwazzjoni ta' dawn il-fatti jistghu jkunu liberi. Infatti jemergi car li hadd ma ghandu d-dritt idawwar fatti, u tali dover, jekk xi haga huwa aktar serju fil-kaz ta' gurnalista minn ta' nies ohra, minhabba li l-gurnalista suppost ikun studja dawn il-principji u ghalhekk ghandu l-obbligu li joqghod aktar attent. Gurnalista m'ghandux id-dritt li jghid fatti ohra barra dawk li huma u m'ghandu ebda dritt li jaghmel l-evalwazzjoni tieghu u jdawwarha bhala xi haga sagrosanta bhala fatt.

Gurnalista ghandu l-obbligu li jistqarr il-fatti u li wara li jghid il-fatti kif verament huma ghandu l-fakulta` li jiddiskuti u jikkumenta fuq tali fatti kif oggettivament huma u wara jaghti l-interpretazzjoni tieghu dwarhom, b'mod li jkun jidher car li dak hu l-apprezzament tieghu. Ma jistax wiehed iqis sentenza tal-Qorti bhala repressiva jekk ma thallix gurnalista jghid dak li mhux minnu fil-fatti. U dak li ghamlu s-sentenzi msemmija fir-rikors.

"***D4. Vjolazzjoni tal-Kap 319 artikolu 10:***

"L-artikolu 10 tal-Kap 319 jghid:

""(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jircievi u jaghti informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-awtorità pubblika u minghajr ma jittiehed kont ta' fruntieri. Dan l-artikolu ma ghandux jimpedixxi Stati milli jehtiegu licenzi ghax-xandir, televizjoni jew imprizi cinematografici.

"(2) L-ezercizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jgib mieghu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suggett ghal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'ligi u li jkunu mehtiega f'socjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, ghall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor, biex jigi evitat il-kxif ta' informazzjoni ricevuta b'sigriet, jew biex tigi mizmuma l-awtorità u l-imparzjalità tal-gudikatura."

"Fil-fehma ta' din il-Qorti jassumi importanza qawwija l-kliem jista' jkun suggett ghal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'ligi u li jkunu mehtiega f'socjetà demokratika…ghall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor…biex tigi mizmuma l-awtorità u l-imparzjalità tal-gudikatura.

"Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu r-rikorrent jipprova li jaghti tifsira differenti lil kliem ***"Dr. Boffa wanted to build there"*** (i.e. fuq in-naha tat-tramuntana tal-bajja tax-

Xemxija) mill-mod kif fehmuha z-zewg qrati l-ohra. Izda ma hemmx ghalfejn wiehed jaghmel studju approfondit fuq dan l-aspett hlief li jghid li dejjem gie applikat il-mod kif jifhimha l-qarrej ordinarju. U dan certament li jifhem li Dr. Boffa ried jibni fuq in-naha tat-tramuntana tal-bajja tax-Xemxija ghalih personali.

“Ir-rikorrent jghid:

“Ta’ min ifakkar fil-livell ta’ ***“acceptable criticism”*** li tkellmet fuqhom id-decizjoni tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **HANDYSIDE**. Hemmhekk, il-Qorti qalet:

““**The Court’s supervisory functions oblige it to pay the utmost attention to the principles characterising a ‘democratic society’. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of such a society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to ‘information’ or ‘ideas’ that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no ‘democratic society’.** “

“Dan huwa wiehed mill-aktar passaggi sbieh li nkitbu fuq il-libeta` tal-istampa.

“L-ewwel subinciz tal-artikolu 10 jistabilixx d-dritt ghal-liberta` tal-espressjoni, liema jedd jinkludi d-dritt ***‘to hold opinions and to receive and impart information and ideas’***. It-tieni subinciz jillimita jew jirrstringi dawn i-jeddijiet, jikkwalifikahom ‘***necessary in a democratic society’***, biex jigu protetti r-reputazzjoni u d-drittijiet ta’ haddiehor.”

“Infatti ta’ min jinnota dak li kiteb f’dan ir-rigward l-Avukat Generali, u cioe`:

““Ghar-rigward ta’ dak li jinghad fil-kaz ***Handyside***, hawnhekk il-kwistjoni mhix l-Istat gie offiz, xokkat jew skonvolt izda li persuna specifika giet hekk affettwata. Suggesttivament, ir-rikorrent qed jghid li ma ingurjax ir-reputazzjoni ta’ Dottor Boffa, izda l-Qrati dehrilhom mod iehor. Bla dubju li r-rwol ta’ gurnalista huwa importantissimu f’socjeta` demokratika, izda dan ma jiggustifikax l-abbuzi u huwa ghalhekk li l-artikolu 10 jaghmel l-eccezjonijiet li jaghmel ghad-dritt taliberta` tal-espressjoni.”

“Izda fis-sub-artikolu 2 tal-artikolu 10 jssemmew specifikament ir-ristrezzjonijiet ghall-liberta` tal-espressjoni. Il-kitba *de quo* hamget ir-reputazzjoni ta’ Dr Boffa. Ir-rikorrent jibbaza fuq il-kuncett tal-‘***necessary in a democratic society***’ izda dan ma jfissirx li tista’ tghid dak li ma huwiex u tikser dak li hu ***prescribed by law.*** Lanqas ma taqbel din il-qorti li r-rikorrent ma affangax ir-reputazzjoni ta’ Dr Boffa hekk kif sabet l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

“Jinghad ukoll li dwar il-kaz ta’ Schwaber, l-applikant kien sempliciment ipparaguna incident ma’ iehor u ma qalx li r-reat konness fiz-zewg incidenti kien wiehed identiku, u kien propju ghal din ir-raguni li l-Qorti Ewropeja l-ewwel ikklassifikat il-paragun bhala *value judgement* u ghalhekk sabet ksur tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

“***<u>D5. Vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Kap 319:</u>***

“Konv - Kap 319 - L-Ewwel Skeda Artikolu 6

““(1) Fid-decizzjoni tad-drittijiet Civili u tal-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista’ jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f’socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-

protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."

"Izda r-rikorrent hawnhekk jerga' jabbraccja l-principju ta' persuna mejta li fil-fehma tieghu ma tistax la hi u lanqas uliedha ma jistghu jfittxu ghal malafama. Il-persuna mejta certament ma tistax izda kif rajna fuq dan ma hux minnu. Ir-rikorrent jimplika li qed jikkumbatti kontra fatat li ma jistax itellghu jixhed u jaghmillu kontro-ezami. Ir-rikorrent ibbaza din il-parti tal-ilment tieghu fuq 3 punti: (i) persuna mejta ma tistax thossha offiza, u kwindi ma tistax taghmel kawza talibel civili; (ii) ma tistax tixhed; (iii) ma tistax tigi kontroezaminata. Jinsisti li kull azzjoni personali tmut mal-mewt tal-persuna li tista' taghmilha. ***Actio personalis moritur cum persona.***

"Huwa jinsisti li l-azzjoni mill-eredi ta' Sir Paul Boffa kienet improponibbli, billi din setghet biss titressaq minn Boffa innifsu. Kif rajna taht ***D1*** dan ma hux applikabbli. Dan l-aspett gie abilment deskritt fir-risposta tal-Avukat Generali fejn jinghad fir-risposta tieghu:

""Infatti, din il-lanjanza dwar il-ksur tal-Artikolu 6 jidher li tista' tigi ristretta ghal dik il-parti tal-artikolu 6 li tistipula li "***everyone is entitled to a fair and public hearing***". Kif jghidu Lester and Pannick fi Human Rights Law and Practice (Butterworths 1999), "The right to a fair hearing requires that everyone who is a party to proceedings must have a reasonable opportunity of presenting his case to the court under conditions which do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent".

"Fil-kaz odjern, izda, ir-rikorrent kellu kull cans li jipprova l-kaz tieghu minghajr il-htiega tax-xhieda ta' Sir Paul Boffa. Il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti u quddiem il-Qorti tal-Appell kienet wahda oggettiva: il-kliem li kiteb ir-rikorrent odjern kien jew ma kienx jimplika li Sir Paul ried jibni bini ghalih personali, u jekk iva dan kien jew ma kienx minnu? Anki l-Perit Joseph Boffa – l-eredi ta' Sir Paul u attur fil-proceduri precedenti – kellu l-istess diffikulta` waqt l-istess

proceduri, fis-sens li hu ma setax itella' lil missieru sabiex jixhed dwar il-veracita` o meno tal-allegazzjoni. B'danakollu rnexxielu jikkonvinci l-Qorti li missieru ma kellu ebda intenzjoni li jagixxi kif gie allegat. Bhalma sehhlu jaghmel il-Perit Boffa seta' sehhlu jaghmel ukoll ir-rikorrent.

"Apparti minn dan, id-dritt ghal smigh xieraq ma jirrizultax li qatt gie estiz mill-Qorti Ewropea sabiex ikopri kazijiet fejn wiehed jallega c-cahda ta' tali dritt ghax ma thalliex jaghmel 'kontro-ezami' lil persuna li lanqas biss xehdet u li l-interessi taghha qeghdin jigu promossi skond il-Ligi mill-eredi li huma accessibbli ghal kwalunkwe kontro-ezami li tinhtieg taghmel il-parti l-ohra."

"Fil-kamp kriminali ta' pajjizna, hemm eccezzjoni ghar-regola ***Actio personalis moritur cum persona*** kif specifikat fl-artikolu 255 tal-Kodici Kriminali. Jinsisti r-rikorrent li fil-kamp civili, il-legislatur ma ipprovdiex similment. Izda din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell illi l-azzjoni civili ghar-risarciment tad-danni naxxenti minn reat fil-kaz ta' allegat ingurja lil persuna mejta hija proponibbli.

"Huwa veru dak li jikteb Robin Callender Smith fil-ktieb tieghu ***Press Law*** f'pagna 5 jghid li:

""It may have been noted that, by the current definition, the defamatory statement refers to a living person. In other words, once a person dies – short of a criminal libel action – relatives have no right to take action to clear the name of the deceased. The Faulks Committee recommend that an action should be possible within five years of a person's death, not for damages but for a declaration in court that the deceased was defamed. The action could be brought by close relatives (the surviving spouse, children, brothers or sisters) and, if successful, the defendant would be liable to pay their legal costs for the action.

"It is possible, under the present law, to defame a dead person and to set up a defamatory innuendo which relates

to someone who is alive. The action brought by Madame Sukarno, discussed under “Criminal Libel”, is one example.”

“F’Malta l-pozizzjoni hija altru *che* cara li fil-kamp civili fejn hemm persuna ingurjata, dan ghandu dritt li jagixxi kontra min immalafamah ghax altrimenti jkunu qed jigu mittiefsa d-drittijiet fundamentali tieghu. Fil-kaz in ezami kien hemm il-possibiblta` ta’ rizarciment tad-danni li wiehed ghandu jara l-artikolu 1031 tal-Kap 16, fejn il-ligi li titkellem fuq delitti u kwazi delitti tghid:

““Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu”.

“Izda jibqa’ dejjem li malafama lil missieri hija malafama lili li jien haj u certament li ghandi d-dritt li ma nigix defamat ghalkemm il-gurnalist ghandu d-dritt tal-liberta` tal-espressjoni, liema dritt pero` irid jigi ezercitat minghajr ksur tal-kwalifiki tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-kawza saret mill-eredi tal-persuna l-mejta u l-intimat kien u ghadu haj u jista’ jiddefendi lilu nnifsu adegwatament. Il-fatt li persuna tkun mejta ma jfissirx li l-werrieta / familjari ma jistghux igarrbu danni minhabba f’xi azzjoni li tkun garrbet dik il-persuna sew f’hajjitha kif ukoll wara mewtha. F’dan ir-rigward utli r-riferenza li ghamlet il-Prim’Awla ghall-kaz tal**awrence Cachia Zammit et vs Carmelo Chetcuti** u dik tal-Qorti tal-Appell fil-kaz **Onor. Paul Boffa noe et vs Paul Zammit**.

“**E. KONKLUZJONIJIET:**

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx ksur la tal-artikolu 6 u anqas tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni, Kap 319. Tiddikjara li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ma gew bl-ebda mod lezi bil-procediment gudizzjarju li bih hu kien gie kundannat Lm300. Inoltre tiddikjara li d-dritt tar-rikorrent ghal smigh gust ma giex lez.

“Ghalhekk tilqa’ l-eccezzonijiet tal-Avukat Generali u konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrent.

"Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa. "

## II. L-APPELL

3. L-attur appellant hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u appella minnha b'rikorsipprezentat fit-28 ta' Novembru 2008. L-appellant ressaq tlett aggravji (li ser jissemmew aktar tard f'din is-sentenza) u, wara li spjegahom, huwa talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell, tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tiddikjara li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 10 u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) bis-sentenzi moghtija fil-kawza ta' libell li fih huwa gie kkundannat ghall-hlas ta' Lm300 bhala danni ghall-ingurja morali. Talab ukoll dikjarazzjoni li l-proviso tal-Artikolu 255 tal-Kodici Kriminali kien jilledi d-dritt tal-appellant ghal smigh xieraq, u fl-ahharnett talab li jinghata l-hlas ta' kumpens xieraq.

4. Illi fir-risposta tieghu tal-5 ta' Dicembru 2008, l-Avukat Generali wiegeb dettaljatament ghat-tlett aggravji tal-appellant u sostna illi s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita illi tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI
### Il-fatti saljenti li wasslu ghall-kawza

5. Fl-20 ta' Frar 1994 l-appellant kiteb artikolu fil-gazzetta lokali "The Sunday Times" bl-isem "**A yacht marina for Xemxija?**", fejn, *interalia*, intqal hekk:
"*After the war, during the Administration of Dr Boffa, permission was given for buildings to be erected on the northern part of the bay [Xemxija Bay] because Dr Boffa wanted to build there, and now this has erupted into a conglomeration of high – and low rise constructions of grotesque proportions.* "

6. Il-Perit Joseph Boffa, iben Sir Paul Boffa, hassu ngurjat b'dik il-kitba u wara li kien talab lill-appellant sabiex jippublika korrezzjoni, liema talba ma gietx

milqugha, fit-22 ta’ Marzu 1994 huwa intavola kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Perit Joseph Boffa v. John A. Mizzi** fejn ippremetta li l-odjern appellant kien immalafama lil missieru, il-mejjet Sir Paul Boffa, bl-imsemmija kitba billi qal dwaru hwejjeg li m’humiex veri u attribwielu skopijiet li ma’ humiex tajba meta l-konvenut asserixxa li kien inghata permess li jsir bini fuq dik in-naha tal-bajja ghaliex “Dr. Boffa wanted to build there”. L-imsemmi Paul Boffa talab li dik il-Qorti tiddikjara li l-odjern appellant kien ingurja l-memorja u l-gieh ta’ missieru u kwindi kien ingurja l-gieh u l-fama tal-attur u talab ukoll li dik il-Qorti tikkundannah ghar-rizarciment tad-danni skond il-ligi.

7. B’sentenza moghtija f’dik il-kawza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Ottubru 2002, l-appellant odjern gie kkundannat ihallas lill-Perit Joseph Boffa, iben id-defunt Sir Paul Boffa, is-somma ta’ Lm300 u l-ispejjez tal-kawza u dan wara li dik il-Qorti laqghet it-talba tal-attur u ddikjarat li l-appellant b’kitbietu ingurja l-memorja ta’ Sir Paul Boffa u l-gieh tieghu u dak ta’ ibnu l-attur.

8. L-appellant appella minn dik is-sentenza, liema appell gie michud bl-ispejjez, b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta’ Gunju 2005 li biha s-sentenza appellata giet ikkonfermata. Dik il-Qorti qablet mal-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti u rriteniet illi:
“Kien x’kien il-hsieb li kellu f’mohhu l-appellant meta kiteb il-bran inkriminat, u bir-rispett kollu u l-hbiberija kollha li seta’ kellu lejn Sir Paul Boffa, il-kliem kien malafamanti ghall-ahhar ghax jimplika li missier l-attur approfitta ruhu mill-posizzjoni tieghu bhala kap tal-amministrazzjoni civili ta’ dak iz-zmien biex huwa jkun jista’ jibni fejn qabel ma’ kienx hemm permess ghall-bini. L-attur ghamel prova ….. li missieru la kellu proprjeta` fix-Xemxija jew f’San Pawl il-Bahar u anqas band’ohra, u li wara l-gwerra qatt ma akkwista proprjeta` x’imkien”.

8. Fis-27 ta’ Ottubru 2006 l-appellant pprezenta l-odjerna procedura quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fejn qieghed isostni, fost affarijiet ohra, illi l-imsemmija sentenzi jikkostitwixxu interferenza

sproporzjonata fid-dritt tieghu ghal-liberta` tal-espressjoni u b'hekk jivvjolaw l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja u inoltre jiksru l-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni, cioe` d-dritt tal-appellant ghal smigh xieraq. L-ewwel Qorti ma laqghetx dawn l-ilmenti tieghu. L-appellant ressaq appell mid-decizjoni tal-ewwel Qorti quddiem din il-Qorti, li issa sejra tikkonsidra l-aggravji li ressaq dwar is-sentenza appellata.

**L-ewwel aggravju tal-appellant: id-dritt ghal-liberta` ta' espressjoni**

9. L-appellant spjega li s-sentenzi moghtija fil-kawza ta' libell kienu repressivi fil-konfront tieghu u li huwa hassu aggravat li s-sentenza appellata mhux talli ma qablitx mieghu izda talli qieset li fil-kitba tieghu huwa qal "dak li mhux minnu fil-fatti". L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet illi huwa ghawweg il-fatti ghaliex meta huwa kiteb l-artikolu in kwistjoni huwa ghamlu b'serjeta` u wara li ghamel ir-ricerka necessarja. Huwa jinsisti li l-kitba tieghu kienet innokwa u ma kienetx malafamanti u li l-ewwel Qorti mmizinterpretat il-kitba tieghu meta hija ziedet il-kliem "ghalih personali" wara l-frazi tieghu "Dr. Boffa wanted to build there". L-appellant enfasizza li b'dan il-kliem huwa kien qieghed jirreferi ghall-azzjonijiet tal-Gvern ta' dak iz-zmien, kappeggjat mill-Prim Ministru Sir Paul Boffa. L-appellant jallega li l-ewwel Qorti ma stabbilitx korrettement x'kien kiteb hu, u kienet zbaljata meta sabet li ma kitbitx il-verita` u b'hekk ikkonkludiet erronjament li ma kienx hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja. B'hekk, is-sentenza appellata ssanzjonat il-vjolazzjoni ta' dan l-istess artikolu li sar fis-sentenzi tal-Qorti Civili Prim Awla u tal-Qorti tal-Appell. Huwa jsostni illi l-principju dwar il-liberta` tal-espressjoni "*gie sagrifikat kapriccozament u minghajr gustifikazzjoni biex tinghata protezzjoni fejn ma kienx hemm bzonnha."*

10. Huwa utli li jigi riprodott hawn l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja:
"(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta` ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta` li jkollu opinjonijiet u li jircievi

u jaghti informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-awtorita` pubblika u minghajr ma jittiehed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma ghandux jimpedixxi Stati milli jetieglu licenzi ghax-xandir, televizjoni jew imprizi cinematografici.

"(2) L-ezercizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jgib mieghu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suggett ghal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta` demokratika, fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, integrita` territorjali jew sigurta` pubblika, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, ghall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor, biex jigi evitat il-kxif ta' informazzjoni ricevuta b'sigriet, jew biex tigi mizmuma l-awtorita` u l-imparzjalita` tal-gudikatura."

11. Kif gie spejgat fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Onor. John Dalli v. Gino Cauchi** deciza fid-9 ta' Ottubru 2002 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (2448/2000JRM):
"Il-jedd tal-espressjoni hielsa…. kif imfisser fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u wkoll fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Liberatijiet Fundamentali, jigbor fih il-jedd li kull persuna jkollha w izzomm fehmiet bla indhil minn hadd u li tircievi minghand u tghaddi lil haddiehor idejat u taghrif bla ndhil. Minhabba li dan il-jedd igib mieghu dmirijiet u responsabilitajiet, *ghandu jkun fih xi limitazzjonijiet kif imsemmi fil-ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta` demokratika*. Fost dawn il-limitazzjonijiet wiehed isib il-harsien tal-fama u tal-jeddijiet ta' persuni ohrajn mill-effetti tal-ezercizzju tad-dritt tal-espressjoni hielsa ta' dak li jkun. Ma' jistax ikun, ghalhekk, li l-Istampa u l-mezzi l-ohrajn ta' komunikazzjoni ma' jkunux milquta b'dawn il-limitazzjonijiet…….. ghadu principju ta' dritt li l-malafama voluta permezz ta' addebiti ta' fatti foloz mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-fama ta' persuna li lejha tkun diretta baqghet censurabbli u milquta mis-sanzjonijiet tal-ligi."

12. Fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Borg v. Victor Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell, fil-15 ta' Novembru 1994, dik il-Qorti enfasizzat il-hsieb li l-liberta` tal-istampa ghandha dejjem tigi salvagwardata, billi hija wiehed mill-

ingredjenti fundamentali ta' kull socjeta` demokratika. F'dik il-kawza, li kienet tittratta dwar il-Ligi tal-Istampa (Kap. 248), gie enfasizzat ukoll li r-restrizzjonijiet f'dik il-ligi ghandhom jigu nterpretati fid-dawl tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif dan tal-ahhar gie nterpretat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani. Dik il-Qorti kompliet tghid hekk:

"Dana l-izvilupp fis-sistema legali taghna huwa zvilupp sinifikanti hafna ghal pajjizna billi ma jistax ma' jkollux l-effett li jwessgha id-dritt tal-liberta` tal-espressjoni. **Madanakollu f'dan l-izvilupp essenzjali l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita' billi tibqa dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta` tal-espressjoni u c-censura tal-malafama.** Dejjem jehtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-libertali wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, ma' l-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza ta' reputazzjoni, unur u l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandha kull dritt li tgawdi."

13. Din is-silta mill-imsemmija sentenza tal-15 ta' Novembru 1994 giet citata hawn, ghaliex hija applikabbli wkoll ghall-kawza odjerna nonostante li l-kawza tentata kontra l-appellant mill-Perit Joseph Boffa ma tidhirx li kienet impernjata fuq il-Ligi tal-Istampa, izda invece kienet tidher li giet impernjata fuq id-disposizzjoni kontenuta fil-proviso tal-Artikolu 255 tal-Kodici Kriminali (Kap. 12) abbinat dan, mad-dritt ta' azzjoni ghad-danni civili naxxenti minn reati kriminali.

14. Fil-kawzi fl-ismijiet **Joseph Mifsud v. Daphne Caruana Galizia** u **Fenech Adami et. v. Vella et**. decizi mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April 2001 u fl-1 ta' Frar 1988 rispettivament, inghad illi l-kritika ta' persuna, l-izjed jekk dik il-persuna tkun imdahhla fil-qasam pubbliku, ma ssirx minnufih passibbli ghas-sanzjonijiet tal-libell, jekk kemm-il darba dik il-kritika tkun wahda serja, oggettiva u meqjusa, ukoll jekk tkun harxa u qawwija. Hekk ukoll irriteniet il-Kummissjoni Ewropeja fil-kawza **Schwabe v. Austria**"( 1992) (riportata fil-kawza fl-ismijiet **Onor Dr. Joseph M.**

**Fenech v. Louis Cauchi u Onor. Dr. Alfred Sant** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Jannar 2002:
“Politicians must be prepared to accept criticism even if far fetched *but that such criticism must be founded on correct factual statements*.”

15. Certament, bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja u bil-gurisprudenza relattiva, ma gewx aboliti r-reati ta’ ingurja jew ta’ malafama taht il-Ligi tal-Istampa jew taht il-Kodici Kriminali. Madanakollu bis-sahha ta’ dak l-artikolu sar doveruz ghall-gudikant li jaghti interpretazzjoni ferm aktar liberali ta’ x’jammonta ghal ingurja jew malafama, milli kienu jaghtu l-gudikati aktar antiki. Dan specjalment huwa hekk meta si tratta ta’ kummenti u opinjonijiet li jirrigwardaw nies fil-politika. Dan l-izvilupp fil-gurisprudenza in materja huwa intiz sabiex isahhah u jissalvagwardja l-liberta` tal-istampa, bhala manifestazzjoni tad-dritt fondamentali tal-espressjoni u li hija ghodda indispensabbli ghall-izvilupp demokratiku ta’ pajjiz. Madanakollu, kien u ghadu principju tad-dritt illi l-ingurja u l-malafama, maghmula permezz ta’ addebitu ta’ fatti foloz, li jnaqqsu l-gieh u l-fama ta’ persuna, baqghu censurabbli u sanzjonati fil-ligi.

16. Illi ghalhekk, minn dawn il-principji stabbiliti hawn fuq enuncjati jsegwi illi l-gudikant irid jezamina bir-reqqa jekk il-kitba ppubblikata kkawzatx lill-persuna li ghaliha dik il-pubblikazzjoni tirreferi, nuqqas ta’ stima u gieh f’ghajnejn il-qarrej ordinarju. Hawnhekk irid jigi enfasizzat illi anke jekk il-kittieb ma kellux l-intenzjoni li jwettaq ingurja jew malafama, xorta wahda huwa jkun jista’ jinzamm responsabbli ghall-ingurji u malafama jekk il-Qorti jkun jidhrilha li qarrej ordinarju, b’dik il-kitba, ikun jifhem li qeghdha titwettaq ingurja jew malafama.

17. S’intendi, jekk il-kumment ikun “gust” dan ma jaqax taht il-pieni tal-malafama jew tal-libell. Izda biex il-kumment jitqies bhala “gust” jehtieg li jkun imsejjes fuq hwejjeg li sostanzjalment sehhew u li jkunu l-fatti shah (ara **Fenech pro. et noe. v. Montanaro et.** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta’ Jannar 1993). Ghalhekk fil-kawza fl-ismijiet **Prof. John Rizzo Naudi v. Felix Agius et.**

deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Jannar 2000 gie ritenut illi jekk jirrizulta li l-fatt allegat ma' kienx attwalment jezisti, il-kumment relattiv, ma jistax jitqies li huwa gust.

18. Illi l-appellant ikompli jinsisti illi t-tifsira li ried jaghti lill-frazi "<u>Dr. Boffa wanted to build there</u>" ma' kienetx dik illi tawha l-qrati fil-kawza fl-ismijiet "Perit Joseph Boffa vs John A. Mizzi" u sussegwentement mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Huwa jissottometti li fil-kitba tieghu huwa kien qieghed jirreferi ghal Sir Paul Boffa <u>fil-kariga tieghu ta' Prim Ministru ta' dak iz-zmien</u> u ma kienx qieghed jirreferi ghalih fil-vesti personali. L-appellant ighid (a fol. 14) illi huwa "<u>**qatt**</u> ma kiteb li Sir Paul Boffa ried li dik iz-zona tigi mibnija sabiex ikun jista' jivvantaggja ruhu".

19. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-appellant, Dana ghaliex mill-qari tal-kitba in kwistjoni, mifhuma din, bl-oggettivita` ta' qarrej ordinarju, tohrog cara t-tifsira li taw lill-istess kitba s-sentenzi precedenti. Huwa inutili illi l-appellant jipprova jispjega x'kienet verament l-intenzjoni tieghu meta huwa kiteb dak l-artikolu ghaliex dak li huwa l-aktar importanti f'kawza ta' libell huwa x'jifhem verament qarrej ordinarju meta dan jaqra dik il-kitba.

20. Kontrajrament ghal dak li sostna l-appellant, l-ewwel Qorti ma mmizinterpretatx il-kitba tieghu u lanqas ma ziedet il-kliem "ghalih personali" mal-kitba tieghu, kif allega l-appellant. L-ewwel Qorti kellha d-dmir li tezamina, tifhem u tinterpreta korrettement il-kitba tal-appellant u dan, kif diga` ntqal, mil-lenti tal-qarrej ordinarju li lejh kienet indirizzata dik l-istess kitba. Huwa risput illi bil-grazi b'"qarrej ordinarju" wiehed necessarjament jifhem dak li fid-duttrina Ingliza fuq is-suggett jissejjah "a right thinking person". Din hija appuntu persuna li ma toqghodx tissottilizza imma tifhem il-kliem bil-mod ordinarju kif jinftiehem. U hu proprju dan it-test li ghamlet l-ewwel Qorti, u l-istess test kienu aktar qabel ghamluh ukoll is-sentenzi impunjati. L-ewwel Qorti sabet li l-appellant ma ppruvax l-allegazzjoni li l-kitba tieghu kienet tafferma. Ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet sostanzjalment korretta meta rriteniet li ma jistax wiehed iqis is-sentenzi

tal-Qorti bhala repressivi jekk ma jhallux gurnalista jghid dak li mhux minnu fil-fatt. U dak huwa proprju dak li ghamlu s-sentenzi msemmija fir-rikors promotorju tal-kawza odjerna. Konsegwentement, l-ewwel aggravju tal-appellant ma jistax jintlaqa'.

**<u>It-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant: id-dritt ghal smigh xieraq</u>**

21. L-appellant, fit-tieni aggravju tieghu, qieghed jallega ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Jinsisti illi l-azzjoni mill-eredi ta' Sir Paul Boffa kienet improponibbli billi, skond hu, id-dritt li wiehed ressaq tali azzjoni personali miet mal-mewt tal-persuna li setghet tezercitah, cioe` Sir Paul Boffa u dan skond il-principju "**Actio personalis moritur cum persona**." L-appellant, fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jsostni illi "*filwaqt li l-qraba ta' persuna mejta jistghu jezercitaw id-dritt li jipprocedu kriminalment biex jiddefendu l-memorja tal-mejjet, il-qraba ta' persuna mejta ma jistghu jaghmlu xejn fil-kamp civili*". L-appellant issottometta li l-fama hija haga personali li tappartjeni lil kull individwu u din tmut mieghu. Huwa ghamel riferenza ghad-duttrina Ingliza li ssostni li "there is no libel of the dead". L-appellant qieghed isostni li meta l-Qorti tal-Appell irriteniet li l-Perit Boffa kellu dritt jipprocedi bil-kawza ghar-rizarciment tad-danni naxxenti mir-reat tal-ingurja, hija ddikjarat ammessibbli azzjoni li ma setghetx tigi proposta <u>ghaliex tilledi d-dritt ghal process u smigh xieraq, stante li l-persuna protoganista tal-istorja pubblikata la tkun tista' tixhed u lanqas tkun tista' tigi kkontroezaminata</u>.

22. It-tielet aggravju tal-appellant jista' jigi ezaminat flimkien mat-tieni aggravju, ghaliex it-tnejn huma intimament konnessi. It-tielet aggravju tal-appellant testwalment huwa dan:
"Illi fir-rigward tat-tielet [recte "tat-tieni"] talba maghmula fir-rikors promotur sabiex l-ewwel Qorti "*tiddikjara li d-dritt tar-rikorrent ghal smigh gust gie lez meta l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili gie abbinat u applikat flimkien mal-proviso tal-Artikolu 255 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk tiddikjara li l-imsemmi proviso jilledi d-dritt tar-rikorrent ghal smigh*

*xieraq*", l-ewwel Onorabbli Qorti ma jidhirx illi kkunsidratha. Ghalhekk, hemm lacuna u mankanza fis-sentenza appellata fir-rigward tat-tielet (sic) domanda, li tirrigwarda l-antikostituzzjonalita` o meno tal-proviso tal-Artikolu 255 tal-Kap. 9. Hekk kien gie deciz fil-kawza "***Avukat Dr Giuseppe Maria Camilleri nomine vs. Onorevoli Ministru ghat-Turizmu***", 30 ta' Lulju 1990, Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, Rikors numru 143/84."

23. Fir-risposta originali tieghu ghar-rikors promotur, l-appellat Avukat Generali, wara li rrileva li l-azzjoni civili tentata mill-Paul Boffa kienet validament proponibbli bis-sahha tas-subartikoli (1) u (3) tal-Kodici Kriminali, tal-Artikolu 255 tal-istess Kodici u tal-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili, ghamel ukoll riferenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Cachia Zammit et v. Carmelo Chetcuti**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Novembru 1957 fejn gie ritenut illi
"lanqas tiswa l-allegazzjoni li l-atturi, billi ma sofrewx danni, ma ghandhomx interess jaghmlu l-kawza. Di fatti, kif inhu maghruf, l-interess jista' jkun pekunarju u anki morali, purche' guridiku, jigifieri korrispondenti ghal lezjoni ta' veru dritt. Ighid Mortara: 'Non e` mestieri che l'interesse sia pecunario in senso stretto, puo` essere anche morale o astratto, purche` di natura giuridica, cioe` a dire, corrispondente alla lesione di un vero diritto; *quindi si riconosce l'interesse ad agire per la tutela del proprio onore, della fama, del nome di famiglia*…"

24. L-appellat Avukat Generali jissottometti hekk fir-risposta tal-appell tieghu dwar it-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant:
"Illi f'dan il-kaz l-azzjoni mhix qed tigi esperita kontra persuna mejta izda mill-eredi tal-persuna mejta, u l-konvenut f'din l-azzjoni kien u ghadu haj u jista' jiddefendi lilu nnifsu adegwatament, kif fil-fatt ghamel. Minkejja li l-persuna deceduta ma setghetx titla' tixhed, kemm il-Prim Awla kif ukoll il-Qorti tal-Appell ma dehrilhomx li dan kien ta' ostakolu ghall-procediment tal-kawza, u kkonkludew li kienu tressqu bizzejjed provi sabiex jinghataw ragun l-atturi. Ta' min josserva li l-inabbilita` li jingieb jixhed id-decedut Sir Paul Boffa aktar hija limitazzjoni li tolqot lil min

qed iniedi kawza milli 'l min qed jiddefendi ruhu. Jekk ir-rikorrent ma setghax iharrek jixhed lil Sir Paul lanqas ma seta' jaghmel dan l-eredi tieghu Dr. Boffa.

Illi di piu` ma jirrizulta b'ebda mod mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li azzjoni bhal dik lamentata mir-rikorrent hija non-permessibbli fis-sistemi legali tal-pajjizi membri tal-Konvenzjoni, u li tali azzjoni b'xi mod tilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-fatt li persuna tkun mejta ma jfissirx li l-*aventi causa* taghha ma jistghux igarrbu danni ta' natura materjali jew morali minhabba f'xi azzjoni li tkun garrbet dik il-persuna sew f'hajjitha kif ukoll wara.

**It-tielet Aggravju**

Illi l-esponent mhux qed jirnexxilu jara fejn hi l-*lacuna* li jilmenta minnha l-appellant. L-ewwel Qorti ittrattat l-ilment imqajjem minnu taht l-Artikolu 6 u anke iccitat l-argumenti tal-appellant, izda fl-ahhar mill-ahhar ma qablitx maghhom, Il-konkluzjoni taghha kienet illi "taqbel mal-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell illi l-azzjoni civili ghar-rizarciment tad-danni naxxenti minn reat fil-kaz ta' allegata ingurja lil persuna mejta hija proponibbli.

Fejn hija l-lacuna b'daqshekk?"

25. Evidentement, il-kwistjoni sollevata mill-appellant dwar in-nuqqas ta' proponabbilita` tal-azzjoni tentata mill-Perit Boffa ghandha tigi ezaminata minn din il-Qorti unikament fl-indoli Kostituzzjonali taghha u indipendentement minn aspetti ohra tal-kwistjoni, fosthom dik ta' kif thares lejha s-sistema *anglo-sassona*. L-appellant jilmenta sostanzjalment li l-proviso tal-Artikolu 255 tal-Kodici Kriminali jikser id-dritt ghal smigh xieraq billi l-persuna mejta, protagonista tal-kaz kollu, hija mejta u ghalhekk la tista' titella' biex tixhed u lanqas tista' tigi kontroezaminata mill-istess appellant.

26. Din il-Qorti tinnota li l-appellant ma ccita l-ebda gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem in-sostenn tat-tezi tieghu. Il-proviso tal-Artikolu 255 jiddisponi li jekk l-ingurja ssir kontra t-tifkira ta' persuna

mejta, il-kwerela tista’ ssir mill-konjugi, l-axxendenti, id-dixxendenti, l-ahwa u l-werrieta mmedjati. Din il-Qorti ma tara assolutament xejn li jikser l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni f’dana l-proviso. Ibda biex, il-lanjanza tal-appellant tidher li hija ristretta ghal dik il-parti tal-imsemmi artikolu 6 li tghid li fid-decizjoni tad-drittijiet civili u obbligi tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali. Il-principju sagrosant li huwa implikat hawn huwa l-hekk imsejjah “equality of arms principle”. Fost l-aspetti l-aktar importanti imhaddna minn dan il-principju nsibu li kull parti f’kawza ghandu jkollha opportunita` ndaqs li tipprezenta l-kaz taghha [Neumeister v. Austria (1968)] u li hadd mill-partijiet ma ghandu jgawdi xi vantagg fuq l-avversarju tieghu.

27. Fil-kaz odjern l-appellant ma gie bl-ebda mod sfavorevolment zvantaggjat. L-izvantagg li kellu hu, kien ukoll zvantagg tal-kontroparti, il-Perit Boffa. Barra minn dan, il-ligi procedurali taghna tipprovdi rimedju ghal-lamentela tal-appellant, ezattament tal-Artikolu 599 tal-Kap. 12. Din id-dispozizzjoni, *inter alia* tippermetti “hearsay evidence” biex issir il-prova ta’ fatti jew kliem ta’ nies li mietu. Ghalhekk, bejn iz-zewg kontendenti fil-kawza tal-libell, kien hemm ugwaljanzi ta’ armi u mezzi u konsegwentement, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, dawn l-ahhar zewg aggravji tal-appellant ma jistghux jintlaqghu billi ma jirrizultax illi kien hemm xi ksur tas-smigh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja
.

28. Ghal dawn il-motivi tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu kollha mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------